Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 264/2016

Il-Pulizija

Spt Joseph Busuttil

Vs

Sera Caruana Smith

Illum 28 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Sera Caruana Smith detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 116283 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Matul ix-xahar ta' Dicembru, 2015 b' diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda f' dawn il-Gzejjer —

a. F' post pubbliku jew f' post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thaijar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-artiklu 7 ( 2 ) tal-Kapitlu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli saret recidiva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b' diversi sentenzi moghtija lilha mill-Qrati Kriminali u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ( Malta ) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Mejju, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 7 ( 2 ) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 17, 18, 31, 49 u 50 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha u ikkundannatha ghal tmien xhur prigunerija.

Fl-ahharnett l-Qorti tirrikmanda lid-Direttur tal-Facilita' Korettiva ta' Kordin sabiex Sera Caruana Smith tinghata l-ghajnuna kollha minnufih biex telgheb il-vizzju tad-droga inkluz li ssegwi programm ta' riabilitazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputata Sera Caruana Smith, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Mejju, 2016, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha tilqa dan l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjaraha mhux hatja u tilliberaha skond il-Ligi.

Alternattivament u minghajr pregudizzju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanta Sera Caruana Smith huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-Ligi ghar-reati addebitati lill-esponenta u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cjoe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad Ii huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-

rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija "unsafe and unsatisfactory".

Kif se jigi pruvat fil-mori ta' dan l-appell, il-Prosekuzzjoni ma gabitx l-elementi rikjesti mill-ligi sabiex ikun ippruvat li l-imputata kienet qed titlajja ghal skop ta' prostituzzjoni.

Ikkunsidrat,

L-appellanti tressaq il-kritika taghha fil-konfront tad-decizjoni impunjata billi tilmenta illi sar apprezzament zbaljat tal-provi li kien hemm fl-atti u dan ghaliex l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ghal sejbien ta' htija lil hinn minn kull dubbju abbazi tal-provi li kien hemm fl-atti billi mill-provi li ressqet il-prosekuzzjoni ma gewx sodisfatti l-elementi tar-reat tal-prostituzzjoni kif ikkontemplat fid-disposizzjoni 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta. Tilmenta illi l-provi cirkostanjzali li strahet fuqhom l-Ewwel Qorti ma kenux bizzejjed b'sahhithom sabiex tinstab ir-reita'.

Illi min ezami akkurat tat-tlett *affidavits* ta' WPC 60 Grace Bianco, WPC9, Pomry u PC101 Ruznai Gaffarena jemergu is-segwenti fatti:

1. Illi l-appellanti giet osservata fil-lejl ta' bejn it-03 u l-04 ta' Dicembru 2015 gewwa Triq l-Msida, Gzira f'zewg okkazzjonijiet separati fl-istess lejla u cioe' fid-9:30pm, u fis-01:31am, l-ewwel darba f'bieb ta' appartament bl-isem ta' Edlin Flats u aktar tard fuq il-bankina fl-istess triq titlajja.
2. F'dik il-lejla hija kienet liebsa jeans blu u flokk iswed.
3. Illi fil-fehma ta' dawn l-ufficjali tal-pulizija din il-persuna kienet qed titlajja peress illi kienet maghrufa drabi ohra li tkun qed titlajja u thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni fl-istess akwati. Akwati maghrufa ghal dan il-ghan.

Illi imbaghad minn ezami ta'l-affidavits ta' PC276 Gregory Attard u WPC 94 Claire Casha, jirrizulta illi fil-lejl ta' bejn it-02 u it-03 ta' Dicembru 2015 ukoll l-appellanti kienet giet osservata titlajja fl-istess postijiet u dan f'zewg hinijiet differenti ghal habta tad-disgha u nofs ta' fil-ghaxija u aktar tard

vicin is-siegha ta' fil-ghodu. Dak in-nhar ukoll giet osservata liebsa jeans blu u flokk iswed.

Esposti dawn il-fattispecje imressqa quddiem l-Ewwel Qorti, jidher illi dak li wassal lil dik il-Qorti sabiex issib htija fl-appellanti ghar-reati lilha addebitati kienu ic-cirkostanzi li fihom l-appellanti giet intercettata mill-pulzija fejn jidher illi hija persuna li abitwalment tiffrekwenta fil-hinijiet ta' bil-lejl post maghruf ghal prostituzzjoni fejn anke l-Ispettur John Spiteri, ighid fix-xhieda tieghu li ipprova joffri l-ghajnuna lill-appellanti biex tohrog minn dan il-vizzju izda jidher illi billi ghandha problemi finanzjarji gejjien ukoll mil-vizzju tad-droga huwa difficli ghaliha li tibdel hajjitha. Dan allura iwasslu lil din il-Qorti ghal konkluzjoni, bhall-Ewwel Qorti qabilha illi l-movimenti maghmula mill-appellanti f'dawk l-iljieli f'Dicembru kienu indikattivi tal-iskop li ghalih kienet tinsab f'dawk l-akwati ripetutament f'post maghruf ghal prostituzzjoni. Ukoll il-fatt illi l-appellanti inqabbet f'iktar minn okkazzjoni wahda f'hinijiet differenti ta' bil-lejl fl-istess postijiet iwasslu lil din il-Qorti tqies illi abbazi tal-gurisprudenza iccitata superjorment fid-decizjoni impunjata u abbazi tal-provi probatorji li kellha quddiemha, l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata. Il-Qorti taghmel taghha r-rakkomandazzjoni maghmula mill-Ewwel Qorti lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin u ghalhekk tordna notifika ta' din is-sentenza u tas-sentenza ta'l-Ewwel Qorti lill-imsemmi Direttur sabiex iqis, fid-diskrezzjoni tieghu, jekk l-appellanti tistax tigi meghjuna teghleb il-vizzju taghha tad-droga.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur